MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 884/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmi Anthony Camilleri, bin Carmel u Carmela neé Attard, imwieled fl-1 ta’ Novembru 1948 u residenti fil-fond numru 1, Shangrila, Triq il-Vizitazzjoni, Gharb, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 80548(G) li gie akkuzat talli;

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII) tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fit-23 ta' Ottubru 2010 bhala bejjiegh ta' frott u haxix gewwa l-Farmers Market- Ta' Qali, provda jew offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII) tal-1998 u l-Artikoli 51 u 77 (o) u 82 tal-istess Att;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet il-provi ;

Rat l-Artikoli ndikati ;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tghid li l-imputat kien gol-"Farmers Market, Ta' Qali". Id-difiza tikkontendi li, in segwitu ta' dak li xehed Emanuel Azzopardi, xhud tal-Prosekuzzjoni, li qal li l-imputat ma kienx fil-"Farmers Market" (pero kkonferma li kien f'Ta' Qali), ghandha tigi kunsidrata bhala zball fl-imputazzjoni u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argument mressaq mid-difiza u dana ghar-raguni li rrizulta mill-provi mressqa, li l-"Farmers Market" jinsab f'Ta' Qali u minkejja li l-imputazzjoni tghid li l-imputat kien gol-"Farmers Market", pero l-imputazzjoni tghid ukoll li l-imputat kien "Ta' Qali" u b'hekk dak li jghodd huwa li l-imputat kien "Ta' Qali" u ghaldaqstant l-argument tad-difiza qieghed jigi respint.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assiem tal-provi prodotti rrizulta bl-aktar mod car li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 51 u 77 (o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tmien mitt ewro (€800.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------